**TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR**

**CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL**

MALTA

Hector Mizzi

vs

Di Natura Ltd

CCT 116/16/MS

Illum 13 ta' Frar 2016

It-Tribunal

Ra l-avvizipprezentat mir-rikorrent Hector Mizzi fit-2 ta' Gunju 2016 fejn talab lil dan it-Tribunal illi jikundanna l-isocjeta konvenuta li tirrifondi l-ammont ta' elf mija erba u sittin Euro bhala kumpens ghall-hsara subita f'sistema ta' pannelli solari installata mill-konvenut.

Ra illi r-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta Godfrey Formosa rrifjuta li jacetta l-ittri tan-notifiki (ara xhieda Carmen Scerri Lautier, impjegata mal-Maltapost - 5 ta' Settembru 2016) u ghalhekk ghal kull fini u effetti tal-ligi, is-socjeta' konvenuta ghandha titqies li giet validament notifikata.

Ra illi minkejja dan, ir-rapprazentant tas-socjeta' konvenuta ma deherx, la biex jikkontesta u lanqas biex jixhed f'din il-kawza.

Sema' x-xhieda tar-rikorrent bil-gurament fejn dana spjega illi huwa xtara sistema ta' panelli solari minghand is-socjeta intimata ghall-prezz ta' erba telef seba mija u hamsin Euro. (€4,750.00). Ilmenta li l-gateway li huwa apparat li jimmoniterja kif qed jahdmu l-pannelli qatt ma hadem u wiehed mill-inverters ilu x-xhur ma jahdem. Is-socjeta' konvenuta giet mgharrfa b'dawn l-ilmenti u wara spezzjoni ikkonfermaw id-difetti pero' r-rikorrent gie mgharraf illi kellu jbiddel is-sistema kollha a spejjez tieghu. Is-sistema suppost kellha garanzija ta' ghoxrin sena. Is-socjeta' konvenuta talbitu l-hlas ta' hames mitt Euro ghall-bdil tas-sistema kollha pero ir-rikorrent irrifjuta.

Ir-rikorrent ghalhekk qed jitlob l-ammont ta' €1,164 bhala kumpens ta' kemm ilhom ma jahdmu zewg pannelli minhabba l-inverter taghhom.

Meta t-Tribunal gie biex jistudja il-process ghall-prolazzjoni tas-sentenza, sab illi l-avviz promotur ma fih ebda informazzjoni ta' xejn, lanqas il-minimu rikjest ta' talba jew ghal xhiex ir-rikorrent ged jippretendi ir-rifuzjoni ta' elf mija erba u sittin Euro. Indika biss 'gateway and micro inverter' minghajr ebda spjegazzjoni. Di piu' l-avviz la fih il-firma tar-rikorrent jew data. Id-dokumenti mehmuza mal-avviz huma biss ir-rizultat tal-ilment maghmul mill-Affarijiet tal-Konsumatur u stima datata 10 ta' Mejju 2013 ghall-grupp ta' erbghin persuna u cjoe' fuq l-erba mitt panella. Jidher li dan id-dokument m'ghandux x'jaqsam xejn ma' din il-kawza. Ir-rikorrent lanqas kellu l-

krijanza li jgib il-prova tax-xiri billi jesebixxi kopja tal-fattura. Terga' u tghid, fix-xhieda guramentata tieghu li tikkonsisti biss f'zewg paragrafi zghar, ma jaghti l-ebda informazioni dwar ic-cirkostanzi tax-xiri u tal-operazzjoni ta' dawn il-panelli.

It-talba ghall-€1,164 ma hi bl-ebda mod sostanzjata jew spjegata. Ir-rikorrent ighid biss illi c-cifra wasal ghaliha hu minghajr rendikont formali jew xi forma ta' prova ohra.

Ikkunsidra

Illi minkejja li dan it-Tribunal mhuwiex marbut b'parametri stretti ta' procedura ma jfissirx b'daqshekk li dawn il-proceduri jsiru bil-legerezza li jippretendi r-rikorrent u l-minimu ta' gustizzja naturali ghandu jkun osservat. F'dan il-kaz, minkejja n-nuqqas ta' ko-operazjoni tal-intimat dan lanqas jaf biss ghal x'hiex ghandu jwiegeb, minhabba il-legerezza li biha r-rikorrent irrediga l-avviz tieghu.

Ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi illi jiddikjara l-avviz promotur pprezentat mir-rikorrent bhala null ghal kull fini u effetti tal-ligi. Bl-ispejjes kontra r-rikorrent.

Av. Michela Spiteri
Arbitru